# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Ħmistax (15) ta' Frar 2024**

**Rikors Numru 902/2016 FDP**

Fl-ismijiet

**Joseph sive Joel Duca (ID 142586M) u Christine Spiteri Duca (ID 332485M)**

**Vs**

**V12 Limited (C-59655)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 10 ta' Ottubru 2016, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *Illi l-esponenti huma l-proprjetarji tal-vettura Porsche mudell 997 bin-numru ta' reġistrazzjoni CJS-911;*

    2. *Illi l-esponenti kienu ingaġġaw lis-soċjeta' konvenuta sabiex twettaq xogħolijiet ta' riparazzjoni fuq l-imsemmija vettura u ħallsu lis-soċjeta' konvenuta is-somma ta' sebat elef seba' mija tnejn u ħamsin euro u tletin ċenteżmu (€7,752.30) in konnessjoni ma' tali xogħolijiet;*

    3. *Illi wara li s-soċjeta' konvenuta ikkonsenjat l-imsemmija vettura lura lill-esponenti, huma skoprew illi x-xogħolijiet imwettqa mis-soċjeta' konvenuta fuq inkarigu tal-esponent ma sarux skond is-sengħa u l-arti, jew altrimenti ma ġewx eżegwiti;*

    4. *Illi għalhekk l-esponenti huma intitolati għar-rifużjoni tal-flus imħallsin lis-*

*soċjeta esponenti;*

5. *Illi in oltre, is-soċjeta' konvenuta ikkaġunat danni fl-ammont ta' disat elef tmien mija disgħa u ħamsin euro u erbgħin ċenteżmu (€9,859.40) fl-imsemmija vettura di proprjeta' tal-esponenti;*

6. *Illi għalhekk l-esponenti huma intitolati għar-riżarċiment tad-danni kaġunati mis-soċjeta konvenuta kif premess;*

7. *Illi għalhekk l-esponenti kienu kostretti jipproċedu b'din il-kawża;*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

1. *Tiddikjara illi x-xogħolijiet imwettqa mis-soċjeta' konvenuta fuq il-vettura Porsche mudell 997 bin-numru ta' reġistrazzjoni CJS-911, fuq inkarigu tal-esponenti, ma sarux skond is-sengħa u l-arti, jew altrimenti ma ġewx eżegwiti, u li konsegwentement is-soċjeta' konvenuta għandha tirrifondi lill-esponenti is-somma ta' sebat elef seba' mija tnejn u ħamsin euro u tletin ċenteżmu (€7,752.30) imħallsa lilha kif premess;*

2. *Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-esponenti is-somma ta' sebat elef, seba' mija tnejn u ħamsin euro u tletin ċenteżmu (€7,752.30);*

3. *Tiddikjara, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, li s-soċjeta' konvenuta ikkaġunat danni fil-vettura Porsche mudell 997 bin-numru ta' reġistrazzjoni CJS-911 a detriment tal-esponenti;*

4. *Tillikwida d-danni kaġunati kif premess fl-ammont ta' disat elef tmien mija disgħa u ħamsin euro u erbgħin ċenteżmu (€9,859.40);*

5. *Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-esponenti is-somma ta' disat elef tmien mija disgħa u ħamsin euro u erbgħin ċenteżmu (€9,859.40) rappreżentanti d-danni likwidati ai termini tat-talba preċedenti;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat kawtelatorju kontestwalment preżentat, u bl-imgħax legali b'effett mid-data tal-preżentata ta' din il-kawża kontra s-soċjeta' konvenuta, rappreżentanti ta' liema qed jiġu min issa stess inġunti għas-subizzjoni tagħhom.*

2. Rat illi fis-7 ta' Novembru 2016, s-soċjeta' intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

   1. *Illi s-soċjeta' esponenti qatt ma ġiet interpellata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni in kwistjoni u għalhekk l-azzjoni hija ntempestiva u s-soċjeta' esponenti ma għandha teħel ebda spejjeż;*

2. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi kwalunkwe xogħol li sar fuq il-vettura tar-rikorrenti sar skond s-sengħa u l-arti u skond l-istruzzjonijiet u s-sorvelljanza ta' l-istess rikorrenti;*

3. *Illi l-vettura ġiet kkonsenjata lir-rikorrenti taħdem sew u dana wara li tlesta x-xogħol ta' riparazzjoni u wara li saru madwar għaxar sigħat ta' prova kemm fil-garaxx tas-soċjeta' ntimata kif ukoll prova fit-triq;*

4. *Illi kwalunkwe ħsara li setgħet saret fil-magna tal-vettura, saret wara illi l-vettura ġiet kkonsenjata lir-rikorrenti fi stat tajjeb u taħdem tajjeb u għaldqstant huma r-rikorrenti illi għandhom ikunu risponsabbli għall-ħsarat illi kkaġunaw huma stess waqt li l-vettura kienet fil-pussess tagħhom;*

5. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont pretiż mill-rikorrenti huwa eżaġerat kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

6. *Illi r-rikorrenti ma kkaġunaw l-ebda danni u semmai llum anki bil-ħsarat ikkaġunati mir-rikkorrenti stess, l-vettura tinstab fi stat ta' riparazzjoni aħjar minn meta ttieħdet għar-riparazzjoni għand s-soċjeta' intimata;*

7. *Salv eċċezzjonijiet oħra permessi fil-liġi.*

*B'riserva għal kull azzjoni ta' danni spettanti lis-soċjeta' esponenti.*

## Provi

8. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mir-rikorrent flimkien mar-rikors promotur, ossija '*Quotation*' datata 16 ta' Diċembru 2015 tas-soċjeta' intimata (fol 7), Rapport ta' Centro Porsche Catania datat 3 ta' Ottubru 2016 (fol 8) u '*Quotation*' datat 29 ta' Settembru 2016 ta' Porsche Catania. (fol 9-11)

9. Rat illi fil-15 ta' Marzu 2017, tqabbad l-espert tekniku **Mario Cumbo** sabiex jeżamina l-vettura meritu tal-kawża. (fol 29)

10. Rat illi fl-24 ta' Ottubru 2017, tqabbad il-Perit Legali **Dr Etienne Calleja**, sabiex jassisti lill-espert tekniku. (fol 34)

11. Rat żewġ cheques eżebiti mir-rikorrent fit-22 ta' Mejju 2018, ossija:

    a. Cheque datat 19 ta' Diċembru 2014 indirizzat lil Giancarlo Santaera fl-import ta' €4,000 maħruġ minn Joel Spiteri Duca. (fol 46)
    b. Cheque datat 23 ta' Diċembru 2015 indirizzat lil Alviro Borg Buontempo fl-import ta' €3,750. (fol 47)

12. Rat illi fid-29 ta' Marzu 2022, ġiet ippreżentata r-relazzjoni tal-espert tekniku Mario Cumbo, li ġiet debitament maħlufa fit-3 ta' Ġunju 2022. (fol 112 - 120)

13. Rat illi fil-21 ta' Marzu 2022, ġiet ippreżentata r-relazzjoni tal-perit Legali Dr Etienne Calleja, li ġiet debitament maħlufa fit-3 ta' Ġunju 2022. (fol 121 – 517)

14. Rat illi fid-29 ta' Novembru 2022, is-soċjeta' intimata ppreżentat domandi in eskussjoni bil-miktub lill-Perit Tekniku Mario Cumbo (fol 520), illi rrisponda għalihom fit-13 ta' Jannar 2023. (fol 425)

15. Rat illi fl-20 ta' Frar 2023, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub.

16. Rat is-sottomissjonijiet rikorrenti ippreżentati bil-miktub fl-10 ta' Mejju 2023. (fol 536)

17. Rat is-sottomissjonijiet intimati ppreżentati fis-7 ta' Lulju 2023. (fol 539)

18. Rat illi fis-6 ta' Lulju 2023 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Fatti

19. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent, Joel Spiteri Duca akkwista Porsche 911 Carrera 2S tas-sena 2005, magħrufa wkoll bħala Porsche 997, minn ġewwa l-Ingilterra f'Awissu tas-sena 2014 u ftit wara, f'Ottubru, huwa niżżilha Malta.

20. Jirriżulta illi ftit wara li niżżilha, u qabel ma ġiet reġistrata f'Malta mal-awtoritajiet kompetenti, huwa ħadha għand is-soċjeta' rikorrenti, peress illi kellha ħsara fuq bracket tal-alternator, u meta kienet hemm, fuq suġġeriment tas-sid tal-kumpannija intimata, ossija Giancarlo Santaera, għamillha service ġenerali sabiex il-vettura tkun fi stat illi tinstaq.

21. Jirriżulta illi fl-aħħar ta' Novembru 2014, il-vettura ġiet debitament reġistrata w ir-rikorrent beda jagħmel użu minnha.

22. Jirriżulta illi fl-aħħar ta' Marzu 2015, madanakollu, huwa w jsuq il-vettura, l-magna bdiet tagħmel ħoss ta' tħabbit intern, u għalhekk huwa sejjaħ lil Santaera biex jaraha, fejn dan ta' l-aħħar qallu biex jeħodhielu l-garage tiegħu sabiex jara x'kellha.

23. Jirriżulta illi sussegwentement, il-vettura baqgħet għand is-soċjeta' intimata bejn l-aħħar ta' Marzu 2015 sat-18 ta' Diċembru 2015, fejn huwa ġie mgħarraf illi kellu jkun hemm "a full engine rebuild" fejn parti mill-magna kienet ser tintbagħat l-Italja biex isiru xi tiswijiet.

24. Jirriżulta illi eventwalment, f'Diċembru 2015, ir-rikorrent ġabar il-vettura mingħand is-soċjeta' rikorrenti, u ħallas l-import ta' €7,750 għax-xogħolijiet illi kienet għamlet is-soċjeta' intimata. Jirriżulta, madanakollu, illi l-vettura baqgħet bil-problemi, fejn kellha xi "warning lights" illi kienu għadhom mixgħulin filwaqt illi l-magna kienet idaħħal "ilma" mill-exhaust.

25. Jirriżulta illi, rinfaċċjat b'dina s-sitwazzjoni, ir-rikorrent xtaq illi tinstab soluzzjoni għal din il-vettura illi kienet ġia swietlu ħafna flus u li, għalih, kienet il-vettura tal-ħolm tiegħu, u għalhekk huwa tellagħha għand l-aġent tal-Porsche, ġewwa Catania, l-Italia, fejn il-vettura ġiet eżaminata w il-magna mneħħija minn postha sabiex tiġi

verifikata – tali verifiki kkonkludew illi l-magna kienu sarulha xogħolijiet ħżiena illi wasslu sabiex il-magna saritilha ħafna ħsara.

26. Jirriżulta, di fatti, illi permezz tal-'computer' illi jitqabbad mal-vettura, l-aġenti tal-Porsche setgħu jinnotaw illi, meta kienet għadha l-Ingilterra, fil-15 ta' Jannar 2014, fti qabel ma xtraha r-rikorrent, meta l-vettura kellha ftit aktar minn 130,000 km, ossija 81,880 mili, kienet saret verifika tal-vettura minn aġent tal-Porsche ġewwa l-Ingilterra li indika li l-vettura kienet tajba, salv xi problemi tekniċi minimi.

27. Jirriżulta wkoll illi, hekk kif għamlulha l-verifiki l-aġenti tal-Porsche ġewwa Catania, huma setgħu jinnutaw illi l-ħsarat illi kellha l-magna tal-vetturi kienu konsiderevoli, u dana huma setgħu jikkonkludu illi kien riżultat ta' xogħol ħażin minn meta kienet saret l-aħħar verifika ġewwa l-Ingilterra – jiġifieri x-xogħol illi kien sar mis-soċjeta' intimata. (fol 177)

28. Jirriżulta illi r-rappreżentant tas-soċjeta' intimata, Giancarlo Sataera, da parte tiegħu, jikkontendi illi meta xtara l-vettura r-rikorrent mill-Ingilterra, l-vettura ma kinetx miżmuma kif suppost, u għalhekk kellha ħafna ħsarat u danni fil-magna nniffisha.

29. Jirriżulta illi l-istess rappreżentant jisħaq illi huwa kien għarraf lir-rikorrent bid-diffikultajiet u problemi li kien hemm fil-magna, u għarrfu illi kien hemm żewġ soluzzjonijiet – jew magna ġdida, illi kienet tiswa madwar €12,500, jew inkella isiru xogħolijiet ta' riparazzjoni, inkluż 're boring' tal-magna, illi kien proċess li jiswa madwar €7,500.

30. Jirriżulta illi l-istess rappreżentant jinsisti illi, rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni, ir-rikorrent talbu illi jagħtih l-irħas soluzzjoni peress illi kien ġia nefaq ħafna flus fuq il-karozza u ma riedx jonfoq aktar.

31. Jirriżulta, għalhekk, illi r-rappreżentant tas-soċjeta' intimata jisħaq illi huwa għamel dak li seta' biex jirranġa l-magna, u di fatti l-magna reġgħet ġiet taħdem tajjeb kif kienet qabel, u kwalsiasi ħsara illi sabu l-aġenti tal-Porsche ġewwa Catania ma kienx dovut għal xogħol ħażin tiegħu, iżda kien dovut għall-istat ħażin illi kienet qed tinżamm il-vettura qabel ma xtara l-vettura r-rikorrent kif ukoll il-mod kif probabbilment kien isuq il-vettura r-rikorrent stess.

## Konsiderazzjonijiet

32. Jirriżulta ċar lil dina l-Qorti illi fil-każ odjern, fejn ir-rikorrenti qed jitolbu kemm rifużjoni tal-flus imħallsin minnhom sabiex jirranġaw il-vettura kif ukoll qed jitolbu ħlas ta' somma oħra rappreżentanti danni sofferti minnhom fil-magna, il-kwistjoni dwar jekk ix-xogħol sarx skond is-sengħa u l-arti hija kwistjoni illi għandha ċertament ferm aktar aspetti tekniċi minn dawk legali, u għalhekk, il-Qorti kienet qabbdet lil Mario Cumbo bħala Perit Tekniku sabiex jgħarbel il-provi kollha miġjuba quddiemu u jirrelata dwar in-natura tax-xogħol illi sar.

33. Jirriżulta illi l-Perit Tekniku attenda għas-seduti kollha miżmuma quddiem il-Perit Legali, Dr Etienne Calleja, illi dina l-Qorti qabbdet sabiex tassisti lill-Perit Tekniku.

34. Jirriżulta illi l-Perit Tekniku, illi għarraf li ma setax jeżamina il-magna meritu tal-kawża odjerna peress illi l-magna intbagħtet lura l-Ġermanja bħala parti mill-arranġamenti rikjesti mid-ditta Porsche hekk kif eventwalment ir-rikorrent akkwista magna ġdida flokha, madanakollu, abbażi tax-xhieda illi huwa sema', setgħa jagħmel il-konklużjonijiet tiegħu xorta waħda. Huwa kellu dan xi jgħid:

*In this case, I am convinced that the engine failure after being over-hauled by V12 ltd was caused due to bad workmanship / practices for the following reasons:*

*The vehicle had an M 97/01 type engine, this is a turbo version, built in 2005 and therefore had Nikasil plated cylinders. This gives the cylinder a hard wearing surface for the pistons to slide on. The pistons are also coated with special low friction material called Ferrostan. This coating is only on the skirts of the pistons.*

*Now this type of engine does not normally suffer from cylinder scouring like its predecessors which had Lokasil cylinders. However, from the pistons exhibited by Mr Santera from V12 Ltd, it is clear that the engine had piston and cylinder scoring. Note that althougħ I can confirm that the pistons exhibited come from a similar engine there is no way to verify if they actually came from the same engine.*

*Piston scoring happens when Ferrostan coating on the piston is worn off and the piston skirt starts scraping against the cylinder wall, eventually eating away the Nikasil plating. By this time the piston will be rocking inside the cylinder, making an audible noise called piston slap. At this point, aluminium from the cylinder wall will start to deposit onto the piston.*
*This is when the engine has to be dismantled for a major over-haul.*

*Here is where things went wrong in this case. Irrespective of condition in which the engine was when it was taken to V12 Ltd, or the extent of damage or what had caused the damage, the owner entrusted V12 Ltd to repair the ċar now it was up to Mr Santera to decide what*

*had to be done on the engine. After a major overhaul, one expects to enjoy years of good performance from an engine.*

*In this case, Mr Santera after dismantling the engine, sent the engine block to an engineer namely Mr Joseph Tabone, owner and manager of Sleheb Engineering in Għaxaq. Here the cylinder block went througħ a process called reboring. For clarity, when re-boring, a specialised boring machinery is used to refinish the cylinders, in doing so, the cylinder diameter will be enlarged by a few thousands on an inch (approximately 0.5 mm) this has also been confirmed by Joseph Tabone. He also stated that he ordered and supplied the required pistons from JE Pistons, a company based in the USA specialising in replacement pistons. Mr Tabone also confirmed that he did not do any other work on the engine. Therefore, it was returned to V12 for completion of the work. Mr Santera also confirmed that except for the engineering work, all the work on the engine rebuild was done either by himself or under his supervision. That Is, cleaning, examination, re assembly and eventually testing on the road.*

*Now in the process of reboring, the Nikasil plating has been removed by the machining!*

*Reboring on these engines cannot be performed. In fact Porsche recommends engine replacement as has been confirmed by Mr Antonio Aiello from Porsche Catania in his testimony. Therefore, when the engine was rebuilt, using the new pistons, since the cylinders had no protection, it took only a few hours for the engine to be destroyed once again.*

35. Jirriżulta wkoll illi l-Perit Tekniku indika varji nuqqasijiet oħra, bħalma huma l-fatt illi ma ntbiddilx l-*Intermediate Shaft Bearing*, il-fatt illi kien hemm residwi ta' '*sealant silicone*' fiż-żejt, indikazzjoni illi dana il-materjal intuża meta l-magna kienet qed tiġi mibnija mill-ġdid, kif ukoll nuqqasijiet oħra illi wasslu sabiex il-magna ssirilna aktar ħsara li eventwalment twassal biex tkun irriparabbli.

**Ikkunsidrat**

36. Jirriżulta, mill-korp tar-rikors promotur, illi r-rikorrenti qed jitolbu mingħand is-soċjeta' intimata, żewġ somom differenti:

    a. Is-somma ta' €7,752.30 bħala rimbors tax-xogħolijiet mhux skond is-sengħa u l-arti illi għamlet is-soċjeta' intimata u li tħallset għalihom mir-rikorrenti.

    b. Is-somma ta' €9,859.40, bħala ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrent riżultat tax-xogħol ħażin illi sar.

37. Jirriżulta illi r-rikorrent kien akkwista l-vettura *second hand* u, meta akkwistaha, kellha ġia fuqha aktar minn 130,000 kilometru.

38. Jirriżulta illi, di fatti, hekk kif ġiet Malta l-vettura, r-rikorrent kellu minnufih jieħu l-vettura għand mechanic peress illi kellha problema fl-alternator tagħha, problema illi eventwalment irranġat is-soċjeta' intimata, għand min mar ir-rikorrent.

39. Jirriżulta, fi kliem r-rappreżentant tas-soċjeta' intimata, illi l-vettura, meta kienet ġewwa l-Ingilterra, ma jidhirx illi ngħatat l-attenzjoni u 'services' kollha meħtieġa, u dana kif jirriżulta minn dokumentazzjoni prodotta mir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata, Giancarlo Santaera.

40. Jirriżulta, di fatti, illi anke wara illi s-soċjeta' intimata għamlet ir-routine service tal-vettura, ftit xhur wara, illi l-magna tal-vettura żviluppat ħsarat serji, fejn, fuq spezzjoni tas-soċjeta' intimata, jidher illi kellha ħsarat inġenti fiċ-ċilindri tal-vettura, liema ħsarat ċertament kienu ta' gravita' tali illi tindika li l-magna ma kinetx daqstant fi stat tajjeb ta' manutenzjoni hekk kif akkwistaha r-rikorrent.

41. Jirriżulta, madanakollu, illi ben konoxxjenti tal-fatt illi l-magna kellha ħsarat estensivi u, ben konoxxjenti wkoll tal-fatt illi r-rikorrent kien disprat sabiex jipprova jirranġa l-vettura filwaqt illi ma jonfoqx daqstant flus in vista tal-flejjes kbar illi ikkontenda li kien ġia ħallas, is-soċjeta' intimata offriet soluzzjoni għall-problema tar-rikorrenti, u dan billi għarrfithom illi setgħet tirranġa l-magna tagħha billi jsir "re-boring" ta' l-istess magna, u dan miflok ma tinġieb magna ġdida, kif kien ċertament ikun rikjest mill-Aġenti tal-vettura stess.

42. Jirriżulta, illi dina s-soluzzjoni kienet offruta minkejja illi s-soċjeta' intimata kienet ben konxja tal-fatt illi l-aħjar soluzzjoni kienet illi l-magna tinbidel totalment, ħaġa illi setgħet issir bi spiża akbar, ossija €12,500, iżda ċertament mhux daqstant aktar, ikkunsidrat illi għas-servizzi tas-soċjeta' intimata l-prezz totali tela' għal ftit anqas minn €8,000.

43. Jirriżulta ċar, mir-rapporti tal-esperti tal-vettura, kif ukoll mill-Espert imqabbad mill-Qorti, Mario Cumbo, illi, minkejja illi s-soċjeta' intimata ittentat tirranġa l-magna tal-karozza tar-rikorrenti, attwalment, riżultat ta' dak ix-xogħol illi għamlet, saret ħsara irreparabbli lill-magna, li eventwalment wasslet sabiex il-magna kellha ta' bilfors tinbidel.

44. Jirriżulta wkoll illi, filwaqt illi s-soċjeta' intimata u rappreżentant tagħha, Giancarlo Santaera, kienu esperti fil-qasam tal-karozza partikolari illi kellhom, ossija l-magni Porsche, ir-rikorrenti kienu biss sidien ta' vettura li tiswa ħafna flus u li riedu ili titranġa wara li ġew a konoxxenza tal-fatt illi xtraw vettura illi setgħet kellha ħsarat serji fiha riżultat tan-nuqqas ta' manutenzjoni tagħha.

45. Jirriżulta, għalhekk, illi kien jinkombi fuq is-soċjeta' intimata u r-rappreżentant Giancarlo Santaera, illi jassikura servizz ta' fiduċja u ta' kwalita', sabiex ir-rikorrent ikollu magna ta' vettura funzjonanti – il-fatt illi ftit ġranet wara li r-rikorrent ħadha lura, il-magna ġia bdiet tagħti indikazzjoni illi kellha problemi u li eventwlament, ftit xhur wara, ġiet ċertifikata li kellha ħsarat tant inġenti fil-magna illi kellha ta' bilfors tinbidel, hija indikazzjoi ċara illi s-soċjeta' intimata naqset minn dina l-fiduċja illi ġiet mogħtija lilha mir-rikorrent.

46. Jirriżulta, di fatti, illi, bl-esperjenza vasta illi kienet tikkontendi illi għandha s-soċjeta' intimata, kellha tkun hi illi minnufih tinsisti li l-unika soluzzjoni illi kellhom ir-rikorrenti kien illi tinbidel il-magna. Dana qiegħed jingħad, għax is-soluzzjoni illi ħarġet biha s-soċjeta' intimata, ossija illi jsir re-boring tal-magna, fil-każ tal-magna speċjalizzata tal-vettura Porsche tar-rikorrent, ma kinetx soluzzjoni tajba u li tirrifletti l-fiduċja imposta fuq is-soċjeta' intimata mir-rikorrenti – kienet biss soluzzjoni, kif jgħid il-Malti, li "traqqa' l-pannu bil-qargħa aħmar", peress illi eventwalment, l-unika soluzzjoni li kellu r-rikorrent u li messha insistiet fuqha s-soċjeta' intimata, kien it-tibdil tal-magna, li jidher illi kienet metodoloġija regolarment adoperata mill-uffiċini uffiċjali tal-Porsche!

47. Jirriżulta, għalhekk, illi r-rikorrent intortament ġew mitluba biex iħallsu lis-soċjeta' intimata għal servizzi fit-tiswija tal-magna tal-vettura, liema tiswijiet swew €7,752, liema tiswijiet iżda sfumaw fl-arja wara ftit xhur, hekk kif il-magna ġiet ċertifikata illi kellha ħsarat li ta' bilfors jirrikjedu magna ġdida.

48. Għalhekk, la darba s-soċjeta' intimata wasslet lir-rikorrenti sabiex iħallsu għal servizz li ma pproduċa ebda soluzzjonijiet, ikun għalhekk opportun illi l-istess soċjeta' intimata tirrifondi tali flejjes.

49. Madanakollu, tali linja ta' argumentazzjoni ma jistax japplika għat-tieni parti tat-talba tar-rikorrenti, ossija ħlas ta' €9,859.40 bħala danni inkorsi mir-rikorrenti.

50. Għandu jingħad, l-ewwel u qabel kollox, illi skond dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti, stess, l-ispiża totali sabiex il-vettura ttranġat kien stmat għas-somma ta'

€17,611.70 (fol 11), iżda jidher illi eventwalment tħallset is-somma totali ta’ ftit aktar minn €25,000 (vide fol 175 u 176).

51. Jirriżulta wkoll illi, għal raġunijiet illi ma spjegax ir-rikorrent fix-xhieda tiegħu u lanqas ġie riavviżat mill-Espert Legali, fir-rikors promotur, id-danni ġew minnu kwantifikati għal €9,859.60, li hija somma ferm anqas minn dak minnu attwalment imħallas.

52. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi meta r-rikorrenti akkwistaw il-vettura, jidher illi l-magna ma kinetx ġiet spezzjonata kif suppost u jidher ukoll illi tul is-snin jista’ jkun illi ma kinetx mantnuta kif suppost, tant illi kienet is-soċjeta' intimata stess illi qalet li l-magna kellha tinbidel.

53. Jirriżulta, għalhekk, illi ma huwiex korrett li r-rikorrenti jitolbu lis-soċjeta' intimata tagħmel tajjeb għall-ħsarat tal-magna li wasslet għat-tibdil kollha tagħha, meta di fatti l-magna jidher illi ġia kellha ħsarat fiha.

54. Għaldaqstant, filwaqt illi huwa minnu li s-soċjeta' intimata għandha tirrifondi lir-rikorrenti tal-flejjes lilha mħallsa għal xogħol illi kienet taf li ma kienx l-aħjar soluzzjoni għalihom, huwa minnu wkoll illi s-soċjeta' intimata ma għandhiex tagħmel tajjeb għad-danni inkorsi mir-rikorrenti u li wasslu għall-installazzjoni ta’ magna ġdida fil-karozza.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat ir-rapport tal-Espert Tekniku Mario Cumbo u l-Espert Legali Dr Etienne Calleja;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intimat, sa fejn kompatibbli ma’ dak illi ser jingħad aktar ‘il isfel.

**Tilqa’** l-Ewwel Talba u għalhekk:

Tiddikjara illi x-xogħolijiet imwettqa mis-soċjeta’ konvenuta fuq il-vettura Porsche mudell 997 bin-numru ta‘ reġistrazzjoni CJS-911, fuq inkarigu tal-esponenti, ma sarux skond is-sengħa u l-arti u li konsegwentement is-soċjeta’ konvenuta għandha tirrifondi lill-esponenti is-somma ta‘ sebat elef, seba' mija tnejn u ħamsin euro u tletin ċenteżmu (€7,752.30) imħallsa;

**Tilqa’** t-Tieni Talba u:

Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-esponenti is-somma ta' sebat elef seba' mija tnejn u ħamsin euro u tletin ċenteżmu (€7,752.30);

**Tiċħad** it-Tielet, Raba' u Ħames Talba tar-rikorrenti.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' s-soċjeta' intimata.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**